IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.4.2013
COM(2013) 174 final

2013/0092 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 101 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. GĦAN TAL-PROPOSTA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija" jew "l-EMSA") li ġiet stabbilita fl-2002[1], ġiet assenjata, fl-2004[2], kompiti fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar. Meta titqies in-natura fuq terminu twil tar-responsabbiltà tal-Aġenzija għar-reazzjoni għat-tniġġis, it-tlestija effiċjenti u bir-reqqa tal-kompiti involuti teżiġi sigurtà finanzjarja xierqa abbażi ta' impenn pluriennali. Għalhekk, fl-2006 l-leġiżlatur tal-UE stabbilixxa finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri għall-perjodu mill-2007 sal-2013[3]. Din il-proposta leġiżlattiva tfittex li ġġedded il-finanzjament pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020 fil-qafas tal-perspettivi finanzjarji l-ġodda[4].

2. ĠUSTIFIKAZZJONI GĦALL-MIŻURA PROPOSTA

2.1. Kuntest

L-aċċident tal-baħar fuq skala kbira tat-tanker taż-żejt ERIKA f'Diċembru 1999 li kien jinvolvi tixrid estensiv ta' żejt wassal għall-ħolqien tal-Aġenzija fl-2002. Fid-dawl tat-tixrid taż-żejt ikkawżat mill-aċċident tat-tanker taż-żejt PRESTIGE f'Novembru 2002, l-Aġenzija ġiet fdata b'kompiti u obbligi speċifiċi fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri. L-Aġenzija adottat Pjan ta' Azzjoni f'Ottubru 2004 għal stat ta' tħejjija u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt (minn hawn 'il quddiem "il-Pjan ta' Azzjoni taż-Żejt"). F'Ġunju 2007, ġie adottat it-tieni Pjan ta' Azzjoni għal stat ta' tħejjija u reazzjoni għat-tniġġis minn sustanzi perikolużi u noċivi (minn hawn 'il quddiem "il-Pjan ta' Azzjoni HNS")[5]. Il-Bord Amministrattiv tal-EMSA jaġġorna ż-żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni bħala parti mill-Programmi ta' Ħidma annwali tal-Aġenzija.

F'Marzu 2010, il-Bord Amministrattiv approva strateġija fuq ħames snin[6] li fiha żewġ temi rilevanti għar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri. L-ewwel nett, it-tema nru 8 tiżviluppa r-rwol tal-EMSA fir-rigward ta' rimi illegali minn vapuri (kwistjonijiet ta' infurzar, titjib ulterjuri tal-CleanSeaNet bl-integrazzjoni tal-informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-vapuri). It-tieni nett, it-tema nru 12 tittratta l-istat tat-tħejjija u r-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni pproponiet modifika għar-Regolament dwar l-EMSA f'Ottubru 2010 li, fost oħrajn, jipprevedi estensjoni espliċita tal-attivitajiet ta' reazzjoni għat-

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

2 Ir-Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU L 129, 31.4.2004, p. 1).

3 Ir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1. Ara wkoll ir-rettifika fil-ĠU L 30, 3.2.2007, p. 12).

4 "Baġit għall-Ewropa 2020" COM(2011)500 u COM(2011)398, it-tnejn bid-data 29.6.2011.

5 Iż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-EMSA taħt: http://www.emsa.europa.eu/opr-documents/action-plans.html

6 Id-dokument huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-EMSA fil-link li ġej: http://www.emsa.europa.eu/documents/item/145-emsa-5-year-strategy.html

tniġġis biex jiġu koperti aċċidenti minn installazzjonijiet taż-żejt u l-gass lil hinn mill-kosta[7]. Barra minn hekk, f'din il-proposta ssuġġeriet ukoll biex l-assistenza tal-EMSA tiġi estiża għall-pajjiżi ġirien tal-UE inklużi l-attivitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim dwar il-proposta f'April 2012, u r-Regolament ġie adottat f'Jannar 2013[8] jikkonferma d-dispożizzjonijet imsemmija qabel. .

2.2. Ħidmiet attwali tal-EMSA fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis

F'konformità mar-Regolament 2038/2006 u mad-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri[9], it-tliet kompiti ewlenin tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għal tniġġis ikkawżat minn vapuri huma dawn:

(a) Assistenza operazzjonali lill-Istati Membri

L-Aġenzija toffri netwerk ta' bastimenti lesti biex jintużaw b'reazzjoni għal tixrid ta' żejt biex jikkumplimentaw il-kapaċità tal-Istati Membri meta jiġu affettwati minn dan it-tip ta' tixrid. Tipprovdi wkoll is-servizz "CleanSeaNet" li huwa servizz ta' individwazzjoni u monitoraġġ ta' tixrid ta' żejt, bl-użu tas-satellita, u n-netwerk "MAR-ICE" li jipprovdi informazzjoni dwar it-tixrid ta' sustanzi kimiċi. L-istati kostali affettwati jistgħu jitolbu l-intervemt ta' bastimenti ta' reazzjoni f'każ ta' tixrid ta' żejt permezz tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili[10]. Integrazzjoni mingħajr xkiel mal-mekkaniżmi ta' reazzjoni tal-Istati Membri titwettaq permezz ta' parteċipazjoni regolari f'eżerċizzji nazzjonali u reġjonali.

(b) Kooperazzjoni u koordinazzjoni

L-Aġenzija tikkoordina mal-esperti mill-Istati Membri li huma responsabbli għal reazzjoni f'każ ta' tniġġis, kif ukoll ma' Ftehimiet Reġjonali eżistenti u mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

(c) Informazzjoni

L-Aġenżija tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni dwar l-aqwa prattiki, tekniki u innovazzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar.

<table>
<tr><td colspan="2"><u>Sommarju tar-riżultati (2007 - Settembru 2012)</u></td></tr>
<tr><td colspan="2">L-istat tat-tħejjija għat-tniġġis tal-baħar u s-servizz ta' reazzjoni tal-EMSA kif ukoll ir-riżultati assoċjati ewlenin li saru disponibbli bl-użu tal-qafas ta' finanzjament pluriennali eżistenti huma murija hawn taħt.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Netwerk ta' bastimenti lesti biex jintużaw b'reazzjoni għal tixrid ta' żejt:</td></tr>
<tr><td>Attwalment hemm 16-il kuntratt attiv biex</td><td>Il-bastimenti tal-EMSA pparteċipaw f'36</td></tr>
</table>

[7] COM(2010)611, 28.10.2010.

[8] Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30).

[9] Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

tiġi pprovduta kopertura għall-baċini tal-ibħra reġjonali kollha madwar l-Unjoni Ewropea. 18-il bastiment, b'kapaċità medja ta' ħżin ta' żejt irkuprat ta' madwar 3500m^3 jistgħu jiġu mmobilizzati simultanjament u jkunu lesti biex ibaħħru fi żmien 24 siegħa.	eżerċizzju operazzjonali internazzjonali (transfruntier) mill-2007 s'issa. Il-parteċipazzjoni f'eżerċizzji tiffaċilita l-integrazzjoni tas-servizzi tal-EMSA mal-mekkaniżmi ta' reazzjoni tal-Istati Membri.

<table>
<tr><th colspan="4">CleanSeaNet</th></tr>
<tr><td colspan="2">Ġew ipprovduti iktar minn 12 000 immaġni bis-satellita minn meta tnieda s-servizz f'April 2007, medja ta' iktar minn 2000 immaġni fis-sena.</td><td>Ġew immonitorjati iktar minn 1 000 miljun km².</td><td>Madwar 200 okkorrenza ta' rimi fis-sena ġew ikkonfermati mill-Istati Membri wara sorveljanza "fuq il-post".</td></tr>
<tr><th colspan="4">Reazzjoni għal Inċidenti</th></tr>
<tr><td colspan="2">Is-servizzi ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-EMSA ntużaw f'total ta' 25 inċident mill-2007 s'issa. L-appoġġ ta' emerġenza mogħti lill-istati kostali milquta inkluda:

Bastimenti ta' reazzjoni,

Immaġnijiet bis-satellita,

Attivazzjoni tal-MAR-ICE, u

Għarfien espert fuq is-sit.</td><td>L-appoġġ ta' emerġenza jinkludi erba' mobilizzazzjonijiet ta' bastimenti ta' reazzjoni fl-Ewropa.</td><td>L-appoġġ ta' emerġenza jinkludi pakkett wieħed ta' assistenza lill-Istati Uniti tal-Amerika matul l-inċident tad-Deepwater Horizon.</td></tr>
<tr><th colspan="4">L-aqwa prattika: Żvilupp u promozzjoni</th></tr>
<tr><td>L-EMSA ospitat 20 laqgħa u grupp ta' ħidma ta' esperti. (Dan minbarra t-taħriġ regolari mal-uffiċjali ta' servizz tal-Istati Membri fir-rigward ta' CleanSeaNet u/jew laqgħat mal-operaturi tal-bastimenti tan-Netwerk.)</td><td>Ippubblikat seba' inventarji dwar aspetti differenti tal-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri u l-politiki u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tagħhom.</td><td>Ħadet ħsieb il-ġestjoni tal-programm ta' skambju ta' uffiċjali pubbliċi "EMPOLLEX" li ffaċilita l-iskambju ta' 21 espert bejn l-Istati Membri minn meta nbeda f'Ġunju 2008.</td><td>Żviluppat għodda waħda ta' deċiżjoni ta' reazzjoni għall-applikazzjoni ta' aġenti dispersivi matul inċident.

Ikkoordinat studji speċifiċi meta kienu meħtieġa (eż. Studju dwar il-faċilitajiet tar-rimi, Studju dwar Pjattaforma sikura: l-iżvilupp ta' rekwiżiti għall-bastimenti biex joperaw f'atmosferi</td></tr>
</table>

			perikolużi)

2.3. Kompiti futuri

Kif spjegat hawn fuq, bid-dħul fis-seħħ tal-emendi għar-Regolament Kostitutiv f'Jannar 2013, l-EMSA rċeviet il-kompiti l-ġodda li ġejjin fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis.

a) L-azzjonijiet attwali ta' reazzjoni tal-EMSA f'każ ta' "tniġġis ikkawżat mill-vapuri" se jkopri wkoll "tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass",

b) Is-servizz eżistenti tal-EMSA, il-CleanSeaNet se "jimmonitorja wkoll id-daqs u l-impatt ambjentali tat-tniġġis tal-baħar miż-żejt ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass",

c) Il-kopertura ġeografika attwali (l-Istati Membri u l-pajjiżi ta' adeżjoni) hija estiża għall-"Pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew u għall-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port". Permezz ta' dan, il-bastimenti tal-EMSA jistgħu jintużaw fiż-żona kollha tal-baċini tal-ibħra reġjonali tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-ammont allokat għandu jestendi biss għall-ewwel żewġ kompiti b'finanzjament inizjali biex jibdew jitwettqu ż-żewġ kompiti mingħajr ma jiġu kompromessi dawk eżistenti. It-tielet kompitu għandu jiġi ffinanzjat minn programmi eżistenti tal-UE għall-pajjiżi koperti bil-politika tat-tkabbir u bil-Politika Ewropea tal-Viċinat (il-programm SAFEMED għall-Baħar Mediterran u l-programmi fl-ambitu tal-inizjattiva TRACECA għall-Baħar l-Iswed). Mil-lat baġitarju u ta' ġestjoni tal-programmi jitqies iktar xieraq li dan il-kompitu l-ġdid jiġi ffinanzjat mill-qafas eżistenti ta' appoġġ tal-UE għal dawn il-pajjiżi.

2.4. Evalwazzjoni tal-attivitajiet attwali tal-EMSA fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis

Skont ir-Regolament 1406/2002, l-Aġenzija ressqet rapporti dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjanijiet ta' azzjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena sal-2012. Dawn ir-rapporti huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-aġenzija. Mill-2013, ir-rappurtar se jiġi integrat fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, f'Mejju 2011 il-Kummissjoni ressqet rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament 2038/2006[11]. Dan ir-rapport huwa bbażat fuq kontribuzzjoni komprensiva mill-Aġenzija, kif approvat mill-Bord Amministrattiv tal-EMSA, inklużi konsultazzjoni mal-partijiet interessati u xenarji dettaljati[12]. Il-Bord Amministrattiv tal-EMSA - b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni tal-programm ta' ħidma, il-baġit u r-rapport annwali - il-Qorti tal-Awdituri u l-Awtorità Baġitarja permezz tal-proċedura ta' kwittanza qed jissuperviżaw u jimmonitorjaw l-azzjoni tal-Aġenzija.

Iż-żewġ konklużjonijiet ewlenin minn dawn l-attivitajiet ta' evalwazzjoni huma:

(1) Il-baġit iddedikat għar-reazzjoni għat-tniġġis huwa adegwat u

(2) Il-miżuri ffinanzjati huma kosteffiċjenti, jipprovdu valur miżjud u l-ġestjoni tagħhom hija xierqa.

---

[11] COM(2011) 286, 23.5.2011.

[12] Il-kontribuzzjoni tal-EMSA hija disponibbli fuq: http://www.emsa.europa.eu/opr-documents/item/617-multi-annual-funding-mid-term-report-emsas-contribution.html

2.5. Evalwazzjoni ex ante tal-attivitajiet proposti

Twettqet evalwazzjoni ex ante li hija mehmuża ma' din il-proposta (dokument SEC(2013)xxx). Tikkonferma l-utilità u l-effiċjenza tal-qafas finanzjarju pluriennali u tiddetermina l-ammont li għandu jiġi allokat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, li serva ta' bażi ġuridika għar-Regolament 2038/2006 skont il-verżjoni preċedenti tat-Trattat.

3.2. Prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità huma rrispettati bis-sħiħ, peress li l-azzjoni tal-Aġenzija tippreżenta l-livell Ewropew ta' sistema ddifferenzjata ta' reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet lil hinn mill-kosta. Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet jinbdew minħabba talbiet li jsiru mill-Istati kostali milquta. Il-fatt li l-UE hija parti kontraenti għall-organizzazzjonijiet reġjonali li ġejjin jista' jispjega l-koordinazzjoni mill-qrib fil-livell reġjonali:

- il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar taż-Żona tal-Baħar Baltiku (il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki kif irriveduta fl-1992);
- il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) u għal għadd ta' protokolli tagħha;
- il-Ftehim għall-kooperazzjoni dwar kif għandu jiġi trattat it-tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana minn żejt u sustanzi oħra perikolużi (il-Ftehim ta' Bonn);
- il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar tal-Atlantiku tal-Grigal (il-Konvenzjoni OSPAR);
- il-Ftehim ta' Kooperazzjoni għall-protezzjoni tax-xtut u l-ilmijiet tal-Atlantiku tal-Grigal kontra t-tniġġis, (il-Ftehim ta' Lisbona), flimkien mal-Protokoll Addizzjonali tiegħu, li għadhom ma daħlux fis-seħħ.

L-Unjoni qed tinnegozja wkoll adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed kontra t-Tniġġis (il-Konvenzjoni ta' Bukarest).

3.3. Għażla tal-istrument

Regolament huwa l-istrument ġuridiku l-iktar xieraq biex jiġi stabbilit qafas finanzjarju pluriennali. Dan l-istrument kien diġà ntgħażel fl-2006.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-Kummissjoni tipproponi li terġa' tipprovdi għal pakkett finanzjarju pluriennali biex jiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 li jikkoinċidi mal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid. Skont il-

pakkett tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2011 "Baġit għall-Ewropa 2020" u l-prattika attwali l-ammont għandu jittieħed mill-Intestatura 1 "Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv". Għalhekk il-Kummissjoni tipproponi l-allokazzjoni ta' ammont ta' EUR 160.5 miljun għall-perjodu ta' referenza. Iktar dettalji jingħataw fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva u fl-evalwazzjoni ex ante mehmuża. L-ammonti annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Awtorità Baġitarja skont il-proċedura baġitarja.

5. KONTENUT TAL-PROPOSTA

Il-proposta ssegwi mill-qrib l-istruttura tar-Regolament 2038/2006 bl-adattamenti meħtieġa. Tikkonsisti mit-tmien Artikoli li ġejjin:

- Artikolu 1: Għan
- Artikolu 2: Definizzjonijiet
- Artikolu 3: Kamp ta' Applikazzjoni
- Artikolu 4: Finanzjament tal-Unjoni
- Artikolu 5: Monitoraġġ ta' kapaċitajiet eżistenti
- Artikolu 6: Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni
- Artikolu 7: Evalwazzjoni ta’ nofs it-terminu
- Artikolu 8: Dħul fis-seħħ

2013/0092 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-proposta ntbagħtet lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[13],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[14],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[15],

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002[16] stabbilixxa Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-vapuri.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004[17], li emenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, assenja lill-Aġenzija kompiti ġodda fl-oqsma tal-prevenzjoni u tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri, wara l-aċċidenti li seħħu f'ilmijiet Ewropej, b'mod partikolari dawk tat-tankers taż-żejt "Erika" u "Prestige".

---

13 ĠU C , , p. .
14 ĠU C , , p. .
15 ĠU C , , p. .
16 ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.
17 ĠU L 129, 31.4.2004, p. 1.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013[18], li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, assenja lill-Aġenzija kompiti fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass u estenda s-servizzi tal-Aġenzija lill-pajjiżi koperti bil-politika tat-tkabbir u bil-Politika Ewropea tal-Viċinat.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006[19] stabbilixxa finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

(5) Għall-finijiet li jiġu implimentati l-kompiti ta’ prevenzjoni u ta' reazzjoni għat-tniġġis mill-vapuri, fit-22 ta’ Ottubru 2004 l-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija adotta Pjan ta’ Azzjoni għal stat ta' tħejjija u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt, li jiddetermina l-attivitajiet tal-Aġenzija b'reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt u huwa maħsub għal użu ideali tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija. Fit-12 ta' Ġunju 2007, il-Bord Amministrattiv adotta Pjan ta' Azzjoni għal Stat ta' Tħejjija u Reazzjoni għat-Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Noċivi. Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament 1406/2002, iż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni jiġu aġġornati kull sena permezz ta' programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.

(6) L-azzjoni ta' reazzjoni kontra t-tniġġis tal-Aġenzija, kif speċifikata fil-Pjanijiet ta’ Azzjoni, hija marbuta mal-attivitajiet fl-oqsma tal-informazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni u fuq kollox mal-provvediment ta' assistenza operazzjonali lill-Istati milquta billi jingħataw, fuq talba, bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis biex jiġġieldu kontra t-tniggis taż-żejt u tipi oħra ta' tniġġis, bħal dak ikkawżat minn sustanzi perikolużi u noċivi. L-Aġenzija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk iż-żoni identifikati bħala l-iktar vulnerabbli mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żona oħra fil-bżonn.

(7) L-attivitajiet tal-Aġenzija f'dan il-qasam ma għandhomx jeżoneraw lill-Istati kostali mir-responsabbiltà tagħhom li jkollhom għal-lest mekkaniżmi xierqa ta' reazzjoni għat-tniġġis u għandhom jikkonformaw mal-arranġamenti eżistenti ta' kooperazzjoni billi jipprovdu għal assistenza reċiproka f'każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu. L-Unjoni ngħaqdet ma' organizzazzjonijiet reġjonali varji u qed tħejji l-adeżjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra.

(8) L-azzjoni tal-Aġenzija għandha tiġi kkoordinata mal-attivitajiet tal-ftehimiet bilaterali u reġjonali li l-Unjoni ngħaqdet magħhom. Fil-każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istat(i) milqut(a), u l-operazzjoni ta' tindif għandha titmexxa taħt l-awtorità ta' dan/dawn l-Istat(i).

(9) L-Aġenzija għandu jkollha rwol attiv fiż-żamma u l-iżvilupp tas-servizz ta' immaġnijiet bis-satellita għas-sorveljanza, l-individwazzjoni bikrija tat-tniġġis u l-identifikazzjoni tal-vapuri jew tal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass responsabbli. Din is-sistema għandha ttejjeb id-disponibbiltà tad-dejta u l-effikaċja tar-reazzjoni għat-tniġġis.

---

[18] ĠU L 39 of 9.2.2013, p.30. .
[19] ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1.

(10) Il-mezzi addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija lill-Istati affettwati għandhom ikunu disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007[20].

(11) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni, l-Aġenzija għandha tiġi pprovduta b'sistema vijabbli u kosteffettiva għall-finanzjament, b'mod partikolari, l-assistenza operazzjonali lill-Istati milquta.

(12) Għalhekk għandha tiġi pprovduta sigurtà finanzjarja għall-finanzjament tal-kompiti fdati lill-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis u ta' azzjonijiet oħra assoċjati abbażi ta' impenn pluriennali. L-ammonti annwali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-Awtorità Baġitarja skont il-proċedura baġitarja annwali.

(13) L-ammonti li għandhom jiġu impenjati għall-finanzjament għar-reazzjoni kontra t-tniġġis għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, skond il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid. Għalhekk għandu jiġi pprovdut pakkett finanzjarju li jkopri l-istess perjodu.

(14) L-appoġġ tal-Aġenzija għall-pajjiżi koperti bil-politika tat-tkabbir u bil-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jiġi ffinanzjat permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni għal dawn il-pajjiżi u għalhekk ma għandux jagħmel parti minn dan il-qafas finanzjarju pluriennali.

(15) Sabiex ikun hemm allokazzjoni ideali tal-impenji u titqies kwalunkwe bidla li jkollha x'taqsam ma' attivitajiet b'reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri, jeħtieġ li jiġi żgurat monitoraġġ kontinwu tal-bżonnijiet partikolari għal azzjoni sabiex ikun hemm lok għal addattament tal-impenji finanzjarji annwali.

(16) Skont ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 li jemenda r-Regolament 1406/2002, l-Aġenzija għandha tirrapporta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-qafas pluriennali fir-rapport annwali tagħha.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[20] ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9.

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-arranġamenti dettaljati għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta, skont l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "żejt" tfisser żejt mhux maħdum fi kwalunkwe forma inkluż żejt mhux raffinat, żejt kombustibbli, ħama, skart ta' żejt u prodotti raffinati kif stabbilit mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-istat ta' Tħejjija, Reazzjoni u Kooperazzjoni għat-Tniġġis miż-Żejt, 1990;

(b) "sustanzi perikolużi u noċivi" tfisser kwalunkwe sustanza minbarra ż-żejt li, jekk tiġi introdotta fl-ambjent tal-baħar, x'aktarx li toħloq perikli għas-saħħa tal-bniedem, tagħmel ħsara lir-riżorsi ħajjin u lill-ħajja tal-baħar, tagħmel ħsara lil faċilitajiet jew tinterferixxi ma' użi leġittimi oħra tal-baħar, kif stabbilit mill-Protokoll dwar l-istat ta' Tħejjija, Reazzjoni u Kooperazzjoni għal Inċidenti ta' Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Noċivi, 2000.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi allokata lill-Aġenzija bl-għan li tiffinanzja l-azzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u minn tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta bħal dawk imsemmija fil-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Aġenzija għall-istat ta' tħejjija u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt u għall-istat ta' tħejjija u reazzjoni għat-tniġġis minn sustanzi perikolużi u noċivi, b'mod partikolari dawk relatati ma':

(a) informazzjoni, b'mod partikolari l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-aqwa prattiki, tekniki u innovazzjonijiet, bħal strumenti għall-monitoraġġ tat-tbattil tat-tankijiet tal-vapuri u għall-monitoraġġ ta' pjattaformi lil hinn mill-kosta għal rilaxxi operazzjonali u tixrid aċċidentali;

(b) kooperazzjoni u koordinazzjoni u l-provvediment lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ta' assistenza teknika u xjentifika fil-qafas tal-attivitajiet rilevanti tal-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u tal-ftehimiet reġjonali rilevanti;

(c) assistenza operazzjonali u appoġġ, fuq talba, b'mezzi addizzjonali, bħal vapuri kontra t-tniġġis lesti biex jintużaw, tagħmir tas-satellita u immaġnijiet bis-satellita, azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Istati milquta fil-każ ta' tniġġis aċċidentali jew apposta ikkawżat minn vapuri jew tniġġis tal-baħar minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta.

Artikolu 4

Finanzjament tal-Unjoni

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 160.500.00 espress fi prezzijiet attwali.

L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu ddeterminati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju. F'dan ir-rigward, il-finanzjament meħtieġ tal-assistenza operazzjonali lill-Istati Membri skont l-Artikolu 3(c) għandu jiġi ggarantit.

Artikolu 5

Monitoraġġ ta' kapaċitajiet eżistenti

Sabiex jiġu ddefiniti r-rekwiżiti għall-provvediment ta' assistenza operazzjonali mill-Aġenzija, bħal bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi fuq bażi regolari lista tal-mekkaniżmi pubbliċi u, fejn disponibbli, dawk privati ta' reazzjoni għat-tniġġis u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati fir-reġjuni varji tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Aġenzija bl-informazzjoni meħtieġa biex jitsabbilixxu din il-lista.

Il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għandu jqis din il-lista qabel ma jiddeċiedi dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija ta' reazzjoni għat-tniġġis fil-qafas tal-programmi ta' ħidma annwali.

Artikolu 6

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effikaċi u bl-irkupru ta' kwalunkwe ammont imħallas mhux kif dovut u, fejn jinstabu xi irregolaritajiet, b'penali effikaċi, proporzjonali u dissważivi, skont ir-

Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[21] u (Euratom, KE) Nru 2185/96[22], u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999[23] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati skont dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew baġits fejn il-ġestjoni tkun f'idejn l-Unjoni Ewropea, minħabba entrata jew nefqa mhux iġġustifikata.

3. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom, kull waħda fl-isfera tal-kompetenza rispettiva tagħha, jiżguraw li jinkiseb l-aqwa valur meta mqabbel mal-ammont minfuq fil-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017. Ir-rapport, li għandu jiġi stabbilit mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, għandu jistabbilixxi r-riżultati tal-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4 fir-rigward tal-impenji u n-nefqa li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2016.

Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kummisjoni għandha, jekk ikun xieraq, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament b'mod partikolari sabiex jitqies il-progress xjentifiku fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u t-tniġġis tal-baħar ikkawżat mill-installazzjonijet taż-żejt u tal-gass, speċjalment it-tniġġis ikkawżat miż-żejt jew minn sustanzi perikolużi u noċivi.

[21] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
[22] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[23] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[24]

06: Enerġija u Trasport

0602: Politika tat-trasport intern, bl-ajru u marittimu

060203: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

06020302: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, Miżuri kontra t-tniġġis

Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri u għat-tniġġis ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[25]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Għanijiet/valur miżjud tal-UE skont Ewropa 2020.

L-Aġenzija tikkontribwixxi għal trasport marittimu sikur u sostenibbli għall-ekonomija tal-UE u għaċ-ċittadini tal-UE. Dan huwa konformi b'mod sħiħ mat-tliet prijoritajiet ta' Ewropa 2020:

- Tkabbir intelliġenti: l-iżvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ogħla standards tekniċi possibbli għall-bastimenti, b'hekk tippromwovi l-għarfien u l-innovazzjoni.

24 ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġittjar Ibbażat fuq l-Attività.

25 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Tkabbir sostenibbli: il-promozzjoni ta' ekonomija iktar effiċjenti fir-riżorsi, iktar ekoloġika u iktar kompetittiva. L-Aġenzija tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-tniġġis minn bastimenti u r-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar f'oqsma differenti. It-trasport marittimu se jikkontribwixxi għall-inizjattiva ewlenija "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi". L-Aġenzija se jkollha r-rwol tagħha fl-implimentazzjoni tas-settur.

- Tkabbir inkluživ: it-trawwim ta' ekonomija b'ħafna impjiegi li twassal għal koeżjoni soċjali u territorjali. Fir-rigward tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi, it-trasport marittimu huwa element essenzjali biex jiġu żgurati l-integrazzjoni u l-koeżjoni territorjali fl-UE. L-Aġenzija tikkontribwixxi biex it-trasport marittimu jkun sikur u sostenibbli għall-UE.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Qasam tal-baġit 06 02 Għan speċifiku Nru 3 Titjib fis-sikurezza tat-trasport

Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i 06020302 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistenni/ja

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Tipprovdi sigurtà finanzjarja f'perspettiva pluriennali lill-azzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

L-EMSA żviluppat indikaturi tal-prestazzjoni, li jiġu ppubblikati fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha. Dawn jiġu mmonitorjati b'mod kostanti mill-Bord Amministrattiv. Ir-rapporti annwali tal-Aġenzija huma l-għodda ewlenija ta' monitoraġġ.

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien

Li l-EMSA tkun tista' tikkonkludi l-kuntratti pluriennali u tagħmel l-ippjanar baġitarju meħtieġ.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-involviment tal-UE huwa stipulat fir-Regolament Kostituttiv tal-EMSA 1406/2002 kif emendat; din il-proposta se tipprovdi valur miżjud billi tippermetti ppjanar u nfiq aħjar tal-flus tal-UE.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

L-evalwazzjoni speċifika tal-EMSA fl-2008 kif ukoll l-evalwazzjoni ġenerali tal-Aġenziji tal-UE fl-2009 t-tnejn li huma wrew valur miżjud ipprovdut mill-Aġenzija.

F'Mejju 2011 il-Kummissjoni ssottomettiet ir-rapport tagħha ta' nofs it-terminu bir-referenza COM(2011)286 kif previst bl-Artikolu 8 tar-Regolament 2038/2006.

Is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu għal dan il-għan fl-2009 fir-rigward tan-netwerk ta' bastimenti ta' reazzjoni lesti f'każ ta' tixrid ta' żejt.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn

Il-proposta hija koerenti mal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza marittima tal-UE, b'mod partikolari mar-Regolament Kostituttiv tal-EMSA 100/2013 għar-rieżami tal-mandat tal-Aġenzija. Il-proposta hija segwitu għar-Regolament 2038/2006 li se jiskadi fl-aħħar tal-2013.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☒ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– ☒ Impatt finanzjarju mill-2014 sal-2020 (flimien ma' pagamenti pendenti)

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien illimitat**

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[26]

☐ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☒ **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☒ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[27]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(li jridu jiġu speċifikati)***

---

26 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

27 Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-aġenziji kollha tal-UE jaħdmu skont sistema stretta ta' monitoraġġ li tinvolvi kapaċità ta' awditjar intern, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-Awtorità Baġitarja. Din is-sistema stipulata fir-Regolament Kostituttiv tal-EMSA se tibqa' tapplika.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

L-ebda riskju.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-miżuri kontra l-frodi skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Kostituttiv tal-EMSA jibqgħu japplikaw. Barra minn hekk, il-proposta għandha Artikolu speċifiku dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni……………………….....…….]	AD/AMD (28)	mill-pajjiżi tal-EFTA[29]	mill-pajjiżi kandidati[30]	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1a	06.02.03.02 [Kontribuzzjoni lill-EMSA Titolu III Miżuri kontra t-Tniġġis]	AD	IVA	LE	LE	LE

28 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

29 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

30 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali) espressi fi prezzijiet attwali

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss:		1	Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv							
DĠ: MOVE			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja tal-baġit 06.02.03.02	Impenji	(1)	19,675	20,600	21,600	22,800	24,675	25,050	26,100	160,500
	Pagamenti	(2)	19,926	22,239	23,318	20,245	23,268	23,833	25,175	158,004
Approprjazzjonijiet iffinanzjati ta' natura amministrattiva Mill-pakkett ta' programm speċifiċi[31]										
Numru tal-linja tal-baġit: Mhux applikabbli		(3)	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL tal-approprjazzjonijet għal DĠ MOVE	Impenji	= 1 + 3	19,675	20,600	21,600	22,800	24,675	25,050	26,100	160,500
	Pagamenti	= 2 + 3	19,926	22,239	23,318	20,245	23,268	23,833	25,175	158,004
• TOTAL tal-approprjazzjonijet operazzjonali	Impenji	(4)	19,675	20,600	21,600	22,800	24,675	25,050	26,100	160,500
	Pagamenti	(5)	19,926	22,239	23,318	20,245	23,268	23,833	25,175	158,004
• TOTAL tal-approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL tal-approprjazzjonijet taħt l-INTESTAURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	= 4 + 6	19,675	20,600	21,600	22,800	24,675	25,050	26,100	160,500
	Pagamenti	= 5 + 6	19,926	22,239	23,318	20,245	23,268	23,833	25,175	158,004

[31] Assistenza u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (ex-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5	" Nefqa amministrattiva "

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
DĠ: MOVE									
• Riżorsi umani		0	0	0	0	0	0	0	0
• Nefqa amministrattiva oħra		0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL DĠ MOVE	Approprjazzjonijiet	0	0	0	0	0	0	0	0

TOTAL tal-approprjazzjonijet taħt l-INTESTAURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0	0	0	0	0	0	0	0

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	19,675	20,600	21,600	22,800	24,675	25,050	26,100	160,500
	Pagamenti	19,926	22,239	23,318	20,245	23,268	23,833	25,175	158,004

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-approprazzjonijiet tal-impenn f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Indika għanijiet u riżultati ⇩			2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020		**TOTAL**	
	RIŻULTATI																	
	Tip ta' riżultat	Kost medju tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd totali ta' riżultati	Kost totali
Titjib fis-Sikurezza tat-Trasport																		
Netwerk ta' Bastimenti ta' Reazzjoni[32]	Għadd ta' bastimenti disponibbli għal mobilizzazzjo	Madwar EUR 0.95 M/bastiment/sena	19	15,620	19	16,150	19	17,100	19	17,600	19	19,975	19	20,000	19	21,000	19	127,445
CleanSeaNet	Għadd ta' immaġnijiet bis-satellita pproċessati fis-sena	Madwar EUR 2.05 / immaġni bis-satellita	2000	3,605	2000	3,850	2000	3,900	2000	4,550	2000	4,050	2000	4,350	2000	4,400	14,000	28,705
Kooperazzjoni u koordinazzjoni / Informazzjoni	Attivitajiet mal-Istati Membri inklużi t-taħriġ u l-istudji	Mhux kwantifikabbli	MHUX APPLIKABB	0,450	MHUX APPLIKABB	0,600	MHUX APPLIKABB	0,600	MHUX APPLIKABB	0,650	MHUX APPLIKABB	0,650	MHUX APPLIKABB	0,700	MHUX APPLIKABB	0,700	MHUX APPLIKABBLI	4,350

[32] Dan jinkludi ammonti għal eżerċizzji fuq il-baħar kif ukoll EUR 6.02 M għall-adattament ta' għadd ta' bastimenti eżistenti għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

			2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020		**TOTAL**	
			LI		LI		LI		LI		LI		LI		LI			
KOST TOTALI				19,675		20,600		21,600		22,800		24,675		25,050		26,100		160,500

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0	0	0	0	0	0	0	0
Nefqa amministrattiva oħra	0	0	0	0	0	0	0	0
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL	0	0	0	0	0	0	0	0

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega r-riprogrammazzjoni meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Il-proposta tikkonċerna l-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[33].

Spjega dak li hu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total
Kontribuzzjoni tal-EFTA min-Norveġja u l-Islanda kkalkulata bħala 2 % tal-baġit	0,472	0,407	0,466	0,407	0,481	0,481	0,496	3,210
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	20,147	21,007	22,066	23,207	25,156	25,531	26,596	163,710

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

[33] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.